**KUNSILL LOKALI MSIDA**
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424 www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 43/K7/2016 |
| Data: | It-Tlieta 26 ta' April 2016 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Ħin: | Il-laqgħa bdiet fil-17:37 |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Viċi Sindku | Dr. Alex Sciberras |
| | Kunsilliera | Sur Charles Selvaggi<br>Sur Matthew Agius 18:53<br>Sur Alan Abela Wadge 17:52 Sur<br>Emanuel Brincat<br>Sra Romina Galea<br>Sur Lino Bartolo<br>Sur Maurice Agius<br><br>Sur Matthew Mangion - Chairman KAS 17:54 |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | | Sur Christopher Cutajar |

Is-Sindku qalet talba lil San Ġużepp fil-bidu tal-laqgħa.

**1. Approvazzjoni tal-Minuti**

1921 Is-Sindku proponiet l-approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 42/K7/2015 b'żieda ma' minuta 1904, imtella' nhar it-22 ta' Marzu, 2016. Is-Sur E Brincat issekondaha. Il-minuti ġew approvati unanimament.

Il-laqgħa ġiet sospiża fis-17:43 hrs biex il-Kunsill seta' jagħmel laqgħa ta' introduzzjoni mal-Ispettur tal-Għassa Lara Butters.

Is-Sur A Abela Wadge daħal fil-kamra fis-17:52.

Is-Sur Matthew Mangion daħal fil-kamra fis-17:54.

Il-laqgħa tal-Kunsill tkompliet fis-18:06 wara l-laqgħa mal-Ispettur tal-Għassa.

**2. Materji mill-Minuti**

1922 Dwar 1809, 1851 u 1885. Is-Sur C Selvaggi saqsa jekk kienx hemm kuntatt ma' uffiċjal fil-Ministeru dwar iċ-ċaqliq tal-*pedestrian crossing* ta' ħdejn lGħassa tal-Pulizija. Is-Segretarju wieġeb li iva u anke qal li barra minn hekk saret korrispondenza mal-Kap Eżekuttiv ta' Transport Malta. Is-Sur L Bartolo qal li l-*pedestrian crossing* ma hix mixgħula kif suppost. IsSegretarju se jkun qed jerġa' jikteb lil Transport Malta sabiex tali pedestrian crossing tkun adattata għall-għomja.

1923 Dwar 1810, 1852 u 1886. Il-Kunsill qabel li l-korsijiet tal-*First Aid* isiru fuq medda ta' jumejn nhar ta' Sibt.

1924 Dwar 1857 u 1887. Dwar il-proġett relatat ma' Triq Ċensu Farrugia s-Sur Emanuel Brincat qal li huwa infurmat li t-tender qiegħed għallapprovazzjoni biex ikun pubblikat.

1925 Dwar 1860, 1840 u 1889 fir-rigward ta' rampi fi Triq it-Tabib Naudi. Is-Sur Maurice Agius saqsa jekk kienx hemm progress. Is-Sur E Brincat wieġeb li dawn jinbidlu ġaladarba tinbidel il-bankina.

1926 Dwar 1904. Is-Sur Charles Selvaggi qal li matul il-laqgħa 42/K7/2016 huwa ma fehemx li kien hemm qbil unanimu mill-Kunsill sabiex tingħalaq parti minn Triq Garcen .

1927 Dwar 1910. Is-Sur E Brincat qal li l-billboard frame tneħħa mix-Xatt tal-Imsida u qed jinżamm fil-garaxx tal-Kunsill.

1928 Dwar 1918. Is-Sindku qalet li se tkun mgħoddija l-ordni lill-Kuntrattur sabiex issir *Alighting / Boarding Bay* fejn Lino Spiteri Foundation.

## 3. Korrispondenza

1929 B'referenza għal 41/0763/16/I is-Sindku qalet li fir-rigward tal-ġbir ta' ħwejjeġ mill-Greenpak, peress li mhux qed ikun hemm ammonti sostanzjali, qiegħed ikun suġġerit li l-ħwejjeġ jinġarru kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar mill-ħaddiema tal-Kunsill lejn l-impjant awtorizzat. Kien hemm qbil dwar dan mill-Kunsill.

1930 B'referenza għal 41/0754/16/I. Saret talba minn ħanut ġdid li se jkun qed jiftaħ fi Triq il-Baċir. Peress li ma għandux ir-rekwiziti biex issirlu *un/loading bay*, ilKunsill ma jaqbilx li ssir din l-*un/loading bay*.

1931 B'referenza għal 41/0831/16/I rigward talba għal *Un/loading Bay* mis-soċjeta' Arjakon ġiet diskussa l-ideja li l-*parking bay* ta' faċċata ta' dan il-maħżen tkun dedikata għall-ħatt tal-*containers*. Is-Sur E Brincat qal li mar flimkien masSindku u mas-Segretarju bil-għan li tkun studjata ż-żona u jkun gwadanjat

parkeġġ ġdid fi Triq Schranz. Il-Kunsill qabel li ma għandhiex issir *un/loading bay*.

1932 B'referenza għal korrispondenza 41/0778/16/I kien hemm qbil li jsir *MC Bay* bejn il-bibien tal-garaxxijiet.

Is-Sur Matthew Agius daħal fil-kamra 18:53.

1933 B'referenza għal korrispondenza 0718/16/1 ġiet diskussa talba mill-Kumpanija Edukattiva EF Language School relatata ma' użu ta' arblu għall-bandiera fi pjazza Ġużè' Debono. Kien hemm qbil li din it-talba ma tiġix aċċettata stante li din hija kumpanija privata u b'hekk jinħoloq preċedent.

1934 B'referenza għal korrispondenza 0762/16/1 is-Sur C Selvaggi semma' l-każ ta' parkeġġ fi Triq Gemma Portelli. Kien hemm qbil dwar il-proposta li l-parkeġġ jibda fuq naħa u jitkompla fuq in-naħa l-oħra bil-għan li tinżamm il-wisa' meħtieġa biex jgħaddu l-karozzi.

1935 B'referenza għal korrispondenza 0797/16/1 fejn intalab biex issir *sleeping policeman* fi Triq Ġużè' Ellul Mercer, il-Kunsill qabel li l-ewwel għandha tkun mgħoddija petizzjoni min-naħa tar-residenti.

Il-laqgħa ġiet sospiża fis-19:00 hrs u tkompliet fis-19:14 hrs.

1936 B'referenza għal korrispondenza 0837/16/1 is-Sindku spjegat li fil-Leġiżlatura preċedenti kien hemm sotto kumitat dwar l-amministrazzjoni tal-iskall. Qalet li ġimgħat ilu ħassru l-*yellow junction box* mingħajr il-permess tal-Kunsill. IsSindku qalet li din il-*junction box* reġgħet saret sabiex ma tkunx imneħħija kaxxa li saret bil-permess tal-Kunsill. Is-Sur Matthew Agius qal li jikkonferma li kienet ittieħdet deċiżjoni f'dan is-sens. Qal li l-messaġġ li għandu jasal huwa li ħadd ma għandu jippermetti li persuna tista' taqbad u tneħħi l-*yellow junction box*. Is-Sindku qalet li f'dan l-istadju nkitbet korrispondenza lil Transport Malta sabiex joffru gwida dwar il-każ. Il-Viċi Sindku qal li għandu jkun hemm rievalwazzjoni tal-każ mill-Kumitat li min-naħa tiegħu dan jirreferi lill-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan il-metodu.

1937 B'referenza għal korrispondenza 41/0650/16/I dwar emendi fil-permessi maħruġa mill-Kunsilli Lokali. Is-Sur Maurice Agius saqsa x'kienet il-kwestjoni dwar dan il-korrispondenza. Is-Sindku wieġbet li ġew emendati l-klawżoli talpermessi biex ikopru materji ta' saħħa u sigurta' b'mod aħjar.

## 4. Ħlasijiet

1938 Is-Sindku proponiet li l-iskeda tal-ħlasijiet għall-perjodu 22/03/2016 sa 22/04/2016 (Annessa bħala 'DOK A') tiġi approvata. Il-Kunsilliera Dr. Alex Sciberras u Sur Lino Bartolo proponewha u ssekondawha rispettivament. Liskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata unanimament.

## 5. Tenders

1939 Fir-rigward ta' tender MLC 001/2015 relatat maż-żamma tajba u l-manutenzjoni tas-*Soft Areas*, is-Segretarju qara tweġibiet li l-Kunsill irċieva minn għand ilKunsilli Lokali li ġew mistoqsija min-naħa tal-Kunsill Lokali Msida dwar isservizz li qed jirċievu minn għand l-offerenti.

1940 Il-Viċi Sindku qal li meta wieħed jieħu l-medja tal-offerti finanzjarji li l-Kunsill irċieva, jitqajjem id-dubju li hemm offerenti li ma fehmux in-natura tax-xogħol mitlub minnhom. Għaldaqstant propona li l-Kunsill jirreferi għal Artiklu 29 tal*Public Procurement Regulations* u jistaqsi lis-Sur Saviour Mifsud dwar l-offerta relatata mal-*Parks and Gardens* u l-offerta ta' WM Environmental Ltd. dwar *soft areas* sabiex ikunu mistoqsijin kif waslu għal dawn l-offerti.

1941 Is-Sur Matthew Agius qal li jekk wieħed mill-offerenti ma jweġibx għal din ilkjarifika tajjeb li wieħed iqis li dawn l-offerenti għandhom jibqgħu meqjusa bħala offerti validi. Kien hemm qbil dwar dan.

1942 Il-Viċi Sindku qal li din l-informazzjoni qed tintalab biex il-Kunsill ikun f'qagħda aħjar li jevalwa l-offerti.

## 6. Finanzi

1943 Il-Kunsill qabel li l-kontijiet mal-Bank bl-isem Bank of Valletta 40016614204 u 40020186618 ma jibqgħux iġibu l-isem tal-eks-Sindku Dr. Clifton Grima u jsejjaħ l-isem Margaret Baldacchino Cefai.

## 7. Komunikazzjoni minn Laqgħat li saru

1944 Is-Sindku semmiet laqgħa li bosta Kunsillieri attendew għaliha dwar ilproġett tal-Kappara li saret mal-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura u in segwitu għaliha ġiet mgħoddija korrispondenza dwar partijiet sfrundati f'Rue D'Argens u *patching* meħtieġ f'Xatt ta' Xbiex, il-kwestjoni tal-AVIS f'Misraħ il-5 ta' Ottubru u anke dwar Un/Loading bays li hemm f'Rue D'Argens.

1945 Is-Sindku qalet li saret laqgħa mas-Sur Kevin Zahra u s-Sur Ivan Pierre Vella fi Transport Malta dwar ir-rotot tat-Trasport Pubbliku. Dawn lUffiċjali spjegaw kif kienu se jkunu indirizzati nuqqasijiet kemm bir-riforma tas-17 ta' April u anke f'Ġunju. Is-Sindku qalet li semmiet ukoll il-ħtieġa ta' rotot mill-Għajn tal-Ħasselin u mix-Xatt ta' Tax-Xbiex.

1946 Is-Sindku semmiet laqgħa li saret ma' Archidiacono Ltd. Qed ikun hemm tentattiv li jinstab ftehim permezz ta' proposta dwar *lighting scheme* ġdida għall-faċċata tan-negozju li tiġi min-naħa tiegħu u tgħaddi għallapprovazzjoni tal-Kunsill.

1947 Is-Sindku qalet li l-Kunsill għandu jipparteċipa biex titqajjem kuxjenza dwar il-kundizzjoni tal-Fibromyalgia permezz ta' dwal blu u vjola fuq il-faċċata tal-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan.

1948 Is-Sindku qalet li se ssir laqgħa fit-2 ta' Mejju fl-10:00 hrs mal-Onor. A Agius Decelis bil-għan li nipproponu metodi kif titnaqqas il-burokrazija u tkun simplifikata l-amministrazzjoni.

## 8. Ilmenti u Talbiet lill-Kunsill

1949 Is-Sindku ressqet talba tal-Għaqda tan-Nar bil-għan li ssir *carwash* f'Misraħ 5 ta' Ottubru nhar il-Ħadd l-1 ta' Mejju. It-talba ġiet aċċettata mill-Kunsill.

1950 Is-Sindku qalet li avviċinaha s-Sur Saviour Agius li ta' kull sena jorganizza fottball tournament b'risq Puttinu Cares. Din is-sena għandu jsir nhar it-22 ta' Mejju fl-iskola Mater Dei. Il-Kunsill approva li jagħmel attivita' b'kollaborazzjoni mas-Sur Agius, bit-tir li jkopri l-ispejjeż tal-midalji talparteċipazzjoni u tliet tazzi għall-ewwel tliet pożizzjonijiet.

1951 B'referenza għal talba li saret mill-Għaqda Melita Banda San Ġużepp datata 15 ta' April 2016, il-Kunsill qabel li jagħmel attivita' b'kollaborazzjoni ma' din l-għaqda u jkopri l-ispejjeż relatati ma' sett ta' trofej għall-kompetizzjoni tal-i*snooker*.

1952 Fir-rigward ta' kumpless ta' appartamenti u garaxxijiet fi Triq il-Ġostra, is-Sur C Selvaggi qal li għandha tinkiteb ittra lil min juża l-binja in kwestjoni. Din l-ittra għandha tkun mgħoddija lill-Amministratur tal-Binja.

## 9. Affarijiet Oħra

1953 Il-Viċi Sindku qal li s-Sra Gemma Cassar jista' jkun li sabet impjieg alternattiv. Spjega li l-Kuntratt tas-Sra G Cassar qiegħed fuq *back to back basis*. Qal li f'dan l-istadju qed jipproponi li l-Kunsill ma jibqax f'sitwazzjoni instabbli in kwantu ta' staff u għalhekk jikteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill ikun mgħarraf jekk id-Dipartiment huwiex lest li jaċċetta tali żieda fil*complement* tal-istaff tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li se jfittex direzzjoni midDipartiment tal-Gvern Lokali dwar din il-materja.

1954 Is-Sur Maurice Agius qal li *Saint Francis School* kuljum qed ikun hemm Gwardjan Lokali jagħti ċitazzjonijiet meta dawn qed imorru hemmhekk kemm iwasslu lit-tfal. Qal li dan m'huwiex ġust min-naħa tal-Gwardjani Lokali.

Il-Viċi Sindku ħareġ mill-kamra fit-20:22.

1955 Is-Sur C Selvaggi qal li hemm parkeġġ fi Triq l-Iskola ma' Triq Victor DeNaro li ma hux skont il-qisien rikjesti minn Transport Malta. Il-Kunsill qabel li minn *parking bay* ta' karozza dan isir MC Bay.

1956 Is-Sur C Selvaggi qal li fi Triq il-Wied waħħlu arbli u l-*pelican lights* ma twaħħlux.

1957 Is-Sur C Selvaggi propona li fi Triq Marina kantuniera ma' Triq Misraħ ilBarrieri jsiru reklami forma ta' *seats*.

1958 Is-Sur C Selvaggi qal li fi Triq H Calleja u fi Triq Tal-Qroqq jeħtieġ isiru *road markings*. Għandha tinkiteb korrispondenza lil Transport Malta biex tittieħed gwida.

Is-Sur Matthew Agius, is-Sur Matthew Mangion u s-Sur Maurice Agius ħarġu millkamra fit-20:28.

1959 Is-Sindku qal li l-amministrazzjoni ta' Marina Home talbet *un/loading bay* u *reserved bay*. It-talbiet tagħhom ma ntlaqgħux mill-Kunsill.

**10.Aġġornament**

1960 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 17 ta' Mejju 2016 fil-17:30.

Tmiem: 20:30 hrs

Minuti approvati llum ____________________________________

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ____________________ |
| Margaret Baldacchino Cefai | Christopher Cutajar |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |